MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2013

Numru. 181/2012

**Il-Pulizija**
**(Sp Priscilla Caruana)**

**vs.**

**Paul Magro**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Paul Magro iben Paul u Emanuela nee' Scerri mwieled Pieta fis-7 ta' Ottubru 1973 u residenti 5A Triq Zaren Dalli B'Bugia, ID 492273 (M).

Akkuzat talli fit-2 ta' Settembru 2010 kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni

mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba titratta mal-imputat li sar ricediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta u tal-Qorti ta' l-Appell liema sentenzi saru definittivi.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li rat u semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena,

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li kkopera

mal-pulizija, il-fedina penali rafrettarja bi 15-il kundanna, il-maggoranza ta' serq u tnejn minnhom ghal pussess semplici ta' droga u li bhal issa jinsab jiskonta sentenza ta' prigunerija u kif ukoll il-fatt li qed jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni waqt li jinsab il-habs.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat  it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 kif wkoll l-Artkoli 49 u 50 tal-Kap 9 issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tliet (3) xhur habs effettivi

In vista tal-fatt li fil-kawza odjerna ma gew inkorsi l-ebda ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni li saret ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------